

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 74/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 57/2008 tal-25 ta' April 2008 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1372/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1392/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 dwar it-trażmissjoni tad-dejta tal-kontijiet nazzjonali <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 18a (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98):

“— **32007 R 1372:** ir-Regolament (KE) Nru 1372/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 42).”

- (2) L-inċiż li jmiss se jkun miżjud fil-punt 19d (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96):

“— **32007 R 1392:** ir-Regolament (KE) Nru 1392/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 1).”

- (3) It-test ta' l-adattament (d) fil-punt 19d (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“fl-Anness B, taħt 'Id-Derogi skond l-Istat Membru', għandu jiżdied li ġej wara l-punt 27 (Ir-Renju Unit):

<sup>(1)</sup> ĠU L 223, 21.8.2008, p. 56.

<sup>(2)</sup> ĠU L 315, 3.12.2007, p. 42.

<sup>(3)</sup> ĠU L 324, 10.12.2007, p. 1.

## 28. IN-NORVEĠJA

## 28.1. Derogi għall-iskedi

Numru ta' l-Iskeda:	Element varjabbli/punt	Deroga	Il-perjodu kopert bid-deroga	L-ewwel trażmissjoni
L-iskedi kollha	Settur S.1314	Settur S.1314 mhux speċifikat ( <i>data</i> integrata fis-settur S.1311)	Il-perijodi kollha	M'għandux ikun trażmess
1, 8	Firda ta' l-S2 Il-kumpliment tad-dinja	L-ewwel trażmissjoni fl-2009 <i>Data</i> retrospettiva mill-1999 biss	Qabel l-1999	Dejta qabel l-1999 li m'għandhiex tkun trażmessa. Snin oħra: l-ewwel trażmissjoni 2009
3	Il-varjanti kollha skond l-industrija A 60	Dejta skond l-A 60 li trid tkun trażmessa fT+23	Il-perjodi kollha	Dejta skond l-A 60 li trid tkun trażmessa fT+23
6	L-elementi varjabbli kollha/punti	Sena 1995 m'għandux ikun trażmess	1995	M'għandux ikun trażmess
10, 12, 13	L-elementi varjabbli kollha/punti	Snin 1995 u 1996 m'għandhomx ikunu trażmessi Dejta li trid tkun trażmessa fT+28 xahar	1995, 1996	1995, 1996 m'għandhomx ikunu trażmessi Skedi li jridu jkunu trażmessi fT+28 xahar

## 28.2. Derogi għal varjanti individwali/punti fl-iskeda

Numru ta' l-Iskeda:	Element varjabbli/punt	Deroga	Il-perjodu kopert bid-deroga	L-ewwel trażmissjoni fl-
6, 7	Derivattivi finanzjarji AF.34	Snin 1995-2009: m'għandhomx ikunu trażmessi l-ewwel trażmissjoni fl-2011	1995-2009	M'għandux ikun trażmess
6, 7	Krediti kummerċjali u self antiċipat AF.71 AF.79 oħra	Snin 1995-2006: m'għandhomx ikunu trażmessi l-ewwel trażmissjoni fl-2008	1995-2006	2008"

*Artikolu 2*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 1372/2007 u 1392/2007 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(\*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.